# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**President**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 20 ta' Jannar, 2022.**

**Numru 4**

**Rikors numru 269/19/2 AGV**

**Victor Sammut**

**v.**

**Saada Marouki Sammut, f'isimha proprju u bħala kuratriċi in rappreżentanza ta' bintha Annalise Sammut; u Id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku**

1. B'sentenza tal-10 ta' Novembru, 2020, il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) iddeċidiet li l-minuri m'hijiex il-bint naturali tal-attur u ordnat lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex fl-att tat-twelid tal-minuri, isem l-attur ma jibqax imniżżel bħala missier it-tifla iżda tibqa' kunjomha Sammut. Fir-rigward tal-ispejjeż ordnat li jibqgħu bla taxxa.

2. B'rikors preżentat fis-17 ta' Novembru, 2020, il-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku ('appellant') appella mill-kap tal-ispejjeż u argumenta li l-ewwel Qorti żbaljat meta ordnat li l-ispejjeż jibqgħu bla taxxa.

3. Għalkemm l-appellati kienu notifikati, ħadd ma wieġeb.

4. L-azzjoni li ppreżenta l-attur hi dik ta' *denegata paternita*. L-appellant għandu raġun jilmenta li bis-sentenza tal-ewwel Qorti ser ikollu jagħmel tajjeb għall-ispejjeż tiegħu meta m'għandu x'jaqsam mal-fatt li omm it-tifla ħarġet tqila minn relazzjoni li kellha barra miż-żwieġ, u li kien dak li wassal sabiex saret il-kawża. Għalkemm b'applikazzjoni tal-Art. 223(3) tal-Kap.12 Qorti tista' tordna li kull parti tbati l-ispejjeż tagħha, pero` dan meta *"...... kull waħda mill-partijiet tkun it-telliefa f'xi punt tal-kawża, jew meta jindaħlu kwistjonijiet diffiċli tal-liġi, inkella għal xi raġuni tajba oħra"*. Fil-każ in eżami l-ewwel Qorti ma tat l-ebda raġuni għalfejn iddeċidiet b'dak il-mod. Pero` r-regola ġenerali hi li t-tellief f'kawża għandu jkun ikkundannat iħallas l-ispejjeż (Art. 223(1) tal-Kap. 12). F'dan il-każ it-telliefa hi l-appellata Saada Marouki Sammut, u m'hemm l-ebda raġuni għalfejn għandu jiġi applikat l-Art.223(3) tal-Kap.12. Għaldaqstant, l-omm għandha tagħmel tajjeb għall-ispejjeż tal-appellant fiż-żewġ istanzi.

Għal dawn il-motivi tilqa' l-appell u tvarja s-sentenza tal-10 ta' Novembru, 2020, fis-sens li tikkundanna lill-appellata Saada Marouki Sammut tagħmel tajjeb għall-ispejjeż tal-appellant, kemm dawk quddiem l-ewwel Qorti u tal-appell.

| | | |
|---|---|---|
| Giannino Caruana Demajo<br>President | Tonio Mallia<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da